**Bord li Jirregola l-Kera**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

Chairperson

Rikors Nru: 995/2021 LC

**John Edward Vassallo (K.I. 0390646M)**
**Alex Vassallo (K.I. 702954M)**
**Anna Abela (K.I. 926144M)**
**Colette Sciberras (K.I. 082050M)**
**Albert Gatt (K.I. 422766M)**
**Joseph Gatt (K.I. 169264M)**
**Pierre Gatt (K.I. 320169M)**
**Carmen Gatt (K.I. 774637M)**
**Anna Bugeja (K.I. 54558M)**
**Jonathan Pace (K.I. 38447M)**
**Mary Rose Buhagiar (K.I. 318059M)**
**Pauline Sciberras (K.I. 915247M)**
**Colin Gatt (K.I. 78271M)**
**Claire Sciberras (K.I. 181476M)**

*vs*

**Carmen Cardona (K.I. 620340M)**
**Awtorità tad-Djar**

**Illum, 14 ta' Ottubru 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta John Edward Vassallo, Alex Vassallo, Anna Abela, Colette Sciberras, Albert Gatt, Joseph Gatt, Pierre Gatt, Carmen Gatt, Anna Bugeja, Jonathan Pace, Mary Rose Buhagiar, Pauline Sciberras, Colin Gatt u Claire Sciberras datat is-7 ta' Diċembru 2021 fejn, għar-raġunijiet u premessi hemm infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi Carmen Cardona (K.I 620340M) hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 24, Triq Samuel Taylor Coleridge, Gżira ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Carmen Cardona (K.I 620340M) ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom;

III. Konsegwentement jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena, jew kwalunkwe persentaġġ li jista' minn żmien għal żmien jiġi stabbilit, tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2021 u ċioè sena li matulha ġie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigwrad tal-kera jekk ikun il-każ.

IV. Jikkundanna lill-inkwilina intimata Carmen Cardona (K.I 620340M) tibda tħallas dik it-tali kera hekk likwidata.

V. Jagħti dawk l-ordnijiet neċessarji ai termini tal-Artikolu 12B(4) f'każ li l-kerreja ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata minn issa in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimata fejn sommarjament, eċċepiet li (i) hija l-inkwilina tal-fond de quo taħt titolu validu ta' kera; (ii) hija dejjem ħalset il-kera dovuta u wettqet l-obbligi tagħha skont il-liġi; (iii) illi hija tissodisfa l-kriterji tat-test tal-mezzi; (iv) hija wettqet diversi benefikati fil-fond; (v) iż-żieda ta' 2% m'hijiex tassattiva fuq il-Bord iżda hija fakultattiva ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta; (vi) hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti;

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar fejn, sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-attriċi għandha tipprova it-titolu tagħha u li hija s-sidien unika tal-fond; (ii) l-atturi għandhom jippreżentaw id-dikjarazzjoni *causa mortis* tad-defunt Lorenzo Fenech u Nicolina Fenech (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ *de quo*, (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u (v) f'każ li l-inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-13 ta' Jannar, 2022, l-intimata wettqet it-Test tal-Mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Rene Cutajar u l-Perit Anthony Robinson ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sidien tal-kera tal-fond jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi permezz tal-Att ta' konċessjoni subemfitewtika ppublikata minn Nutar Dottor Victor Bisazza nhar it-3 ta' Ġunju 1967, l-aħwa Emanuele Vassallo u Maria Carmela Gatt kkonċedew il-fond *de quo* lil Alfred Dimech b'titolu ta' sub enfitewsi temporanja għal sbatax-il sena minn dakinhar.

Illi mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tad-defunt Emmanuele Vassallo ippublikata min-Nutar Dottor Joseph Abela fis-6 ta' Awwissu 2013,[1] ir-rikorrenti John Edward Vassallo, Anna Abela, Colette Sciberras

[1] Ara Dok "A" a fol. 6 tal-atti proċesswali.

u Alexander Mark Vassallo akkwistaw nofs (1/2) indiviż mill-fond *de quo* mill-poter ta' missierhom.

Illi kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tad-defunta Maria Carmela Gatt ippublikata min-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon fl-24 ta' Awwissu 2000,[2] ir-rikorrenti Pauline Sciberras, flimkien ma' ħutha Mary Pace, Joseph Gatt, Anthony Gatt u Maria Dolores Gatt akkwistaw n-nofs (1/2) indiviż rimanenti mill-fond *de quo* mill-poter ta' ommhom.

Illi l-imsemmija Mary Pace ġiet nieqsa fit-18 ta' Diċembru 2014 u permezz tad-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva ppublikata minn Nutar Dottor David Joseph Borg fl-20 ta' Mejju 2021[3], ir-rikorrenti Mary Rose Buhagiar, Anna Bugeja u Jonathan Pace wirtu s-sehem indiviż propjetà tal-imsemmija defunta Mary Pace;

Illi l-imsemmi Joseph Gatt ġie nieqes fit-08 ta' Jannar 2016 u permezz tad-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva ppublikata min-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon fit-18 ta' April 2016[4], ir-rikorrenti Albert Gatt, Joseph Gatt, Pierre Gatt u Carmen Gatt wirtu s-sehem indiviż propjetà tal-imsemmi defunt Joseph Gatt;

Illi l-imsemmi Anthony Gatt ġie nieqes fl-14 ta' Marzu 2014 u permezz tad-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva ppublikata min-Nutar Dottor Malcolm Licari fit-12 ta' Lulju 2021[5], ir-rikorrenti Colin Gatt u Claire Sciberras wirtu s-sehem indiviż propjetà tal-imsemmi defunt Anthony Gatt;

Illi l-imsemmija Maria Dolores Gatt ġiet nieqsa fil-11 ta' Settembru 2018 u permezz tad-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva ppublikata

[2] Ara Dok "B" a fol. 10 tal-atti proċesswali.
[3] Ara dok "E" a fol. 35 tal-atti proċesswali.
[4] Ara dok "D" a fol. 26 tal-atti proċesswali.
[5] Ara dok "C" a fol. 11 tal-atti proċesswali.

min Nutar Dottor Malcolm Licari fit-28 ta' Lulju 2021[6], ir-rikorrenti Claire Sciberras, Colin Gatt, Pierre Gatt, Anna Bugeja, Joseph Gatt, Albert Gatt, Pauline Sciberras u Mary Rose Buhagiar wirtu s-sehem indiviż propjetà tal-imsemmija defunta Maria Dolores Gatt;

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-evidenza appena msemmija. B'hekk, il-Bord huwa sodisfatt li r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond *de quo* u b'hekk għandhom l-interess ġudizzjarju meħtieġ sabiex imexxu l-kawża 'l-quddiem.

Ikkonsidra;

Illi kif diġà msemmi, d-dante causa tar-rikorrenti kkonċedew il-fond de quo lil ċertu Alfred Dimech b'titolu ta' sub enfitewsi temporanja għal sbatax-il sena minn dakinhar. Illi permezz tal-Att ta' Permuta ppublikat minn Nutar Dottor Victor Bisazza fit-12 ta' Diċembru1967[7] l-imsemmi Alfred Dimech kkonċeda b'titolu ta' permuta is-sub-dominju għaż-żmien li fadal lil Lucrezio Cardona. Illi r-rikorrenti ddikjaraw illi l-imsemmi Lucrezio Cardona huwa r-raġel tal-intimata u llum-il ġurnata huwa defunt.

Illi da parti tagħha, l-intimata tiddikjara fir-risposta tagħha illi hija l-inkiwlina tal-fond *de quo.*

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi u dikjarazzjonijiet, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata Carmen Cardona hija effettivament l-inkwilina tal-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

[6] Ara dok "E" a fol. 35 tal-atti proċesswali.
[7] Ara dok "H" a fol. 71 tal-atti proċesswali.

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' Carmen Cardona, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

Illi b'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Carmen Cardona **ma teċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 12B(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12B(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti jirriżulta illi l-fond de quo jikkonsisti f'first floor maisonette, sovrapost għal maisonette ta' terzi fil-pjan terran. Il-fond jinkludi l-bejt u l-arja sovraposta. Il-post huma munit bis-servizzi tal-elettriku, ilma u drenaġġ u huma funzjonabbli.

Illi l-periti, wara li kkonsidraw il-fatturi relatati mal-fond, inkluż il-valur fis-suq ta' propjetajiet simili u, jew fl-istess żona, l-istat tal-fond kif inhu preżentement kif ukoll il-potenzjal ta' żvilupp kif dettat mill-pjanijiet, policies u linji gwidi viġenti tal-ippjanar, huma tal-fehma li

l-valur tal-fond, li kieku mibjugħ volontarjament minn sidu fis-suq ħieles f'Jannar 2021, jekwivali għal erba' mija u għaxart'elef ewro (€410,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[8] **,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-età tal-intimata u l-mezzi tagħha, il-Bord ser jawmenta l-kera għall-ammont ta' 1.8% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' sebat elef, tlett mija u tmenin Ewro (€7,380) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

---

[8] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikkjara illi Carmen Cardona hija l-inkwilina tal-fond 24, Triq Samuel Taylor Coleridge, Gżira, ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, stante li t-Test tal-Mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni;

3. Jilqa' t-tielet u r-raba' talba u jiddikkjara illi l-kera tal-fond li jinsab 24, Triq Samuel Taylor Coleridge, Gżira għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 1.8% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ u konsegwentement jawmenta l-kera għall-ammont ta' sebat'elef, tliet mija u tmenin Ewro (€7,380) fis-sena u jordna lill-intimata Carmen Cardona tħallas lir-rikorrenti *in solidum* l-kera hekk awmentata b'effett mil-lum, bħala d-data tas-sentenza;

4. Jiċħad il-ħames talba stante li l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-Dħul u tal-Kapital tat-test tal-mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta safejn dawn huma inkompatibbli ma dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**